# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru XXXIX**
**Illum 17 ta' April, 2001**

**Appell Nru 35/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Margaret Urry**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva (permezz ta' tahrika ta' "kawza tal-Pulizija") kontra Margaret Urry talli fit-8 ta' Marzu, 1999, ghall-habta tat-8.30 a.m., hdejn l-iskola ta' Rahal Gdid (**1**) hebbet ghal Veronica Caruana u kkagunatilha feriti kif iccertifika Dott. Karl Chircop, (**2**) bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' Veronica Caruana, weggaghtha bi kliem, (**3**) kisret il-paci pubblika u l-bon-ordni b'ghajjat, storbju, glied jew mod iehor, (**4**) hebbet ghal Veronica Caruana sabiex tingurjaha, iddejjaqha jew taghmillha hsara, (**5**) heddet bil-kliem lil Veronica Caruana, u (**6**) imbuttat lill-persuna hawn fuq imsemmija fit-triq biex tweggaghha jew tinsultaha; l-ewwel qorti kienet mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap. 9;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta' Frar, 2001 li, fil-parti dispozittiva, tghid hekk:

"Ikkonsidrat: Illi wara li l-kwerelanti weriet nuqqas ta' nteress u msejjha diversi drabi ma deheritx, din il-Qorti qeghda tiddikjara l-akkuzi a, b, d, e ezwariti. Rigward l-akkuza (c), minhabba nuqqas ta' provi stante illi ma deheritx il-kwerelanti, din il-Qorti qeghda tillibera lill-imsemmija Margaret Urry.";

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fil-21 ta' Frar, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet – Dott Albert Libreri ghall-appellata u Dott. Stephen Tonna Lowell ghall-appellant Avukat Generali – fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

L-appellant Avukat Generali qed jibbaza l-appell tieghu fuq l-Artikolu 413(1)(b)(vi) tal-Kodci Kriminali, u cioe` qed jikkontendi li l-Pulizija giet

impeduta fil-kawza milli ggib prova li kienet indispensabbli biex issahhah l-akkuzi, u li skond il-ligi setghet tingieb.

Ghall-ahjar istruzzjoni ta' dana l-appell ikun opportun li jigi riprodott il-verbal ta' l-ewwel Onorabbli Qorti tat-13 ta' Frar, 2001, u cioe` ta' l-istess udjenza li fiha nghatat is-sentenza li minnha qed jappella l-Avukat Generali. Dana l-verbal jghid testwalment hekk:

"Meta ssejhat il-kawza dehret l-akkuzata assistita minn Dr. Giannella Caruana Curran. Peress illi l-uniku xhud kontra l-imputata, Veronica Caruana, <u>debitament imharrka</u>, imsejjha tlett drabiet ma dehritx, ghaldaqstant qeghda turi nuqqas ta' nteress f'din il-kawza. Procediment ezawrit rigward akkuzi a, b, d u e.
"Dr. Brincat ghall-kwerelanta Veronica Caruana jinforma l-Qorti illi l-klienta tieghu nfurmatu illi tinsab marida bl-influwenza u li ma sabitx tabib jaghmlilha certifikat u qieghed jitlob illi jekk hemm xi dubbju li hi marida, l-Qorti ghandha dritt tapponta tabib biex jezamina sahhitha.
"Il-Qorti wara li rat illi xhud Veronica Caruana ma dehritx minghajr ebda skuza valida ghal dawn l-ahhar erba' (4) seduti, u peress illi wara kollox dawn huma proceduri sommarji u din il-kawza tirrisali ghall-5 ta' Mejju 1999 u wara insistenza tad-difiza li l-kawza issir, qeghda tikkonferma l-verbal precedenti taghha illum dwar procediment ezawrit. U rigward akkuza c din il-Qorti qeghda tillibera lill-imputata.
"Il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza." (sottolinear ta' din il-Qorti, cioe` tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali).

Jinghad mill-ewwel u bla tlaqliq li l-Avukat Generali ghandu ragun fl-ilment tieghu bbazat fuq l-Art. 413(1)(b)(vi) tal-Kodici Kriminali, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

(1) Din il-kawza kienet giet istitwita bhala kawza tal-Pulizija u mhux bhala kawza privata – kif jidher car mill-komparixxi – u kienet ukoll giet prosegwita mill-Pulizija *ex officio* u mhux mill-parti offiza, kif jirrisulta mill-*occhio* ta' kull verbal u anke tas-sentenza ("Il-Pulizija v. Margaret Urry" u mhux "Veronica Caruana v. Margaret Urry"). Konsegwentement kienu applikabbli d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 375 tal-Kodici Kriminali u mhux dawk ta' l-Artikolu 374.
(2) Il-partijiet f'din il-kawza kienu l-Pulizija Ezekuttiva u l-imputata Urry. Kellha kemm kellha interess Veronica Caruana, <u>hija kienet semplicement xhud tal-prosekuzzjoni, f'dan il-kaz tal-Pulizija Ezekuttiva</u>. Kif din il-Qorti kellha okkazzajoni tfisser fis-sentenza taghha tat-8 ta' Jannar, 1996 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Pierre Schembri***, "*…meta xhud, debitament notifikat biex jidher quddiem l-ewwel qorti, jonqos milli hekk jidher, dik il-qorti ma tistax tibqa' ghaddejja qisu ma gara xejn. Bhala minimu dik il-qorti ghandha tikkundanna lix-xhud ghal ammenda u, kemm-il darba l-prosekuzzjoni (pulizija ezekuttiva jew parti offiza ossia kwerelant, skond il-kaz) ma tirrinunzjax espressament ghal dak ix-xhud jew kemm-il darba l-qorti ma tkunx tal-fehma li xhud mhux indispensabbli biex isahhah l-akkuza, il-qorti ghandha wkoll tordna li dak ix-xhud jingieb b'mandat ta' akkumpanjament jew b'mandat ta' arrest (Art. 441(4) u 525(1)(a) tal-Kap. 9). Dan necessarjament jimplika li l-qorti ghandha tiddifferixxi l-kawza. Altrimenti l-*

*kawzi, u l-ezitu taghhom, jigi jiddependi fuq jekk xhud ifettillux jobdi tahrika jew le! Anqas ma hu argument validu dak li jigi spiss ventilat quddiem il-Qrati Inferjuri u cioe` li x-xhud kellu interess li jidher u li allura, la ma deherx, il-qorti ghandha tibqa' ghaddejja u, kif spiss jigri u kif gara f'dan il-kaz, tillibera. L-interess principali fil-proceduri penali hu tal-partijiet – il-prosekuzzjoni (Pulizija Ezekuttiva jew, fil-kazijiet kontemplati fl-Art. 373, l-offiz/kwerelant) u l-imputat. Ghandu kemm ghandu interess xhud fl-ezitu ta' kawza, ma jistax impunement, u hlief fil-kazijiet kontemplati mill-ligi, jippriva lill-parti li tkun harrkitu mid-deposizzjoni tieghu…*"

(3) Kif diga inghad, Veronica Caruana kienet xhud tal-prosekuzzjoni, cioe` tal-Pulizija, kienet giet debitament notifikata ghall-udjenza tat-13 ta' Frar, 2001 (ara r-riferta annessa mal-komparixxi, fol. 2), u baqghet ma deheritx. Anqas ma jista' jigi objettat li fl-4 ta' April, 2000 (ara verbal a fol.10), meta jidher li kawza kontra l-istess Caruana kienet qed tinstema' kontestwalment ma' dik kontra l-appellata odjerna, il-prosekuzzjoni ddikjarat li "ma ghandhiex aktar provi fiz-xewg kawzi". Jidher li wara dana l-verbal il-kaz tad-difiza kien ghadu ma inbediex, u meta l-ewwel qorti ppermettiet, fl-udjenza tat-13 ta' Frar, 2001, li tissejjah Veronica Caruana, hija kienet implicitament qed tippermetti – kif kellha diskrezzjoni li taghmel minkejja l-verbal tal-4 ta' April, 2000 – li l-prosekuzzjoni tipproduci x-xhud ewlieni taghha kontra l-imputata Margaret Urry.

(4) Veru li, kif qalet l-ewwel qorti fil-verbal tat-13 ta' Frar, 2001, dik li kellha quddiemha kienet kawza sommarja, bl-ewwel udjenza mizmuma fil-5 ta' Mejju, 1999. Dan, pero`, ma jfissirx li m'ghandhiex issir gustizzja skond il-ligi f'dana l-kaz bhal f'kull kaz iehor. Jizdied jinghad ukoll li, skond id-diversi verbali kif registrati, kien hemm mill-anqas sitt okkazzjonijiet meta l-kawza giet differita minghajr ma jirrisulta li kien hemm ebda raguni valida ghal tali differiment – ara l-verbali tal-5/5/99, 31/8/99, 29/2/2000, 13/6/2000, 20/6/2000 u 7/11/2000. Hu appena necessarju jinghad li differimenti bla raguni valida, specjalment f'kawzi sommarji, minbarra li jaghmlu hsara ghax il-provi ma jibqghux friski f'mohh ix-xhieda, jiffrustraw lil, u joholqu inkonvenjent ingust ghal, dawk ix-xhieda li ripetutament jigu mharrka ghalxejn.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet, specjalment lill-appellata, mill-beneficcju tad-doppju ezami, tordna li l-atti jergghu jintbaghtu lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex dik il-qorti, wara li tisma' l-provi mill-gdid, inkluza lil Veronica Caruana, tiddeciedi fuq l-imputazzjonijiet migjuba kontra Margaret Urry skond il-ligi.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur